# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Frar 2001**

**Numru 2**

**Avviz. Numru: 1405/99mm**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Camilleri, abbazi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Joseph Camilleri**

**vs**

**Dr Anna Evellina Barbara LL.D. nominata b'digriet tas-7 ta' Frar 2000 kuratur deputat biex tirrappresenta lill-assenti Luis Farone**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fid-29 ta' Settembru 1999 fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuta nomine li thallas is-somma ta' Lm295.84, mitejn u hamsa u disghin lira u erbgha u tmenin centezmi jew somma verjuri, li minnhom Lm118.09 huma pagabbli lis-socjeta' attrici Middle Sea Insurance plc u

filwaqt illi Lm177.75 pagabbli lill-attur l-iehor Joseph Camilleri, rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizzjoni li grat bejn il-vetturi LAK 745 u EAA 364, fis-27 ta' Marzu,1999, f'Paola, stante li huwa kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minnhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10, tal-ittri legali tat-30 ta' Awissu 1999, tar-rikors presentat kontestwalment mal-presenti ghall-hatra ta' kuraturi u tal-ittra ufficjali wkoll presentata kontestwalment mal-presenti kontra l-assigurazzjoni tieghu, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine fejn eccepiet illi:

1. Illi l-eccipjenti mhix edotta mill-fatti tal-kaz u tirrizerva li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha fi stadju ulterjuri wara li tikkomunika mal-konvenut.

2. Salvi eccezzjonijet ohra.

Rat  l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna ncident tat-traffiku illi gara fis-27 ta' Marzu,1997 ghal habta tas-sebgha u kwart ta' filghodu go Valletta Road, Paola. Kien hemm involuti z-zewg vetturi LAK 745 misjuqa mit-Taljan Luis Farone u l-vettura EAA 364 misjuqa minn Christian Camilleri.

Irrizulta illi l-karozza EAA 364 kienet assikurata polza tat-tip *comprehensive* taht isem sidha Joseph Camilleri, missier is-sewwieq Christian Camilleri.

Irrizulta mill-provi illi Camilleri kien qed isuq fuq in-nahha tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni ta' Rahal il-Gdid u Farone kien fuq in-nahha ta' barra fuq il-lemin tieghu. Peress illi Farone ried ibiddel il-lanes u jersaq lejn ix-xellug biex imur fid-direzzjoni ta' Rahal il-Gdid, dana qabad u gibed lejn ix-xellug u baqa' diehel fuq il-karozza misjuqa minn Camilleri.

Camilleri minn nahha l-ohra jghid illi huwa kien qed isuq ghad-dritt, ma kellux ghalfejn ibiddel lanes ghax kien diga fuq ix-xellugi estrem tat-triq u f'daqqa wahda ra lil din il-vettura misjuqa minn Farone gejja ghal fuqu u laqtitu fuq il-mudguard ta' quddiem tal-lemin. Il-van ta' Farone kellu hsarat fuq il-gemb xellugi tieghu. Farone jidher illi ma waqafx mall-ewwel, baqa' jsuq ftit distanza u mbaghad pparkja l-karozza tieghu fuq in-nahha tax-xellug tat-triq. Hemm kontestazzjoni minn Camilleri dwar sketch li ppresenta l-pulizija, pero' ma jidhirx illi din il-kontestazzjoni ghandha xi effett fuq ir-responsabbilta' ta' l-incident peress illi jidher car illi din ir-responsabbilta' ghandha taqa' nettament fuq it-taljan Luis Farone meta qabad u biddel

id-direzzjoni tal-karozza tieghu minghajr pre-avviz ta’ xejn u baqa diehel fuq il-karozza misjuqa minn Camilleri.

Wara dan l-incident sar *survey* mill-assikurazzjoni attrici u saru t-tiswijiet rakkomandati. Fl-avviz hemm imsemmija s-somma ta’ mija seba u sebghin lira u hamsa u sebghin centezmi pagabbli lill-attur Joseph Camilleri. Jidher illi dana huwa zball u fil-fatt Joseph Camilleri ghandu jiehu c-cifra ta’ mija u hamsin lira bhala *excess* illi huwa hallas lill-kumpanija assikurattrici skond il-polza illi huwa kellu maghha, dana l-ghaliex kien it-tifel tieghu illi kien qed isuq il-karozza dak il-hin tal-incident. Il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju quindi illi ghal dan l-incident ghandu jirrispondi nettament is-sewwieq tal-vettura LAK 745 Luis Farone kif rappresentat f’din il-kawza minn Dr Anna Evellina Barbara. Ghal dawk illi huma d-danni, filwaqt illi dawk pagabbli mis-socjeta’ attrici mhumiex kontestati u cioe’ mija u tmintax-il lira u disa’ centezmi, l-ammont pagabbli lill-attur l-iehor lil Joseph Camilleri irid ikun mija u hamsin lira u mhux dak indikat fl-avviz. Ghalhekk b’kollox l-ammont illi ghandhom jiehdu l-atturi huwa ta’ mitejn tmienja u sittin lira u disgha centezmi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi filwaqt li tiddikjara lill-konvenut Luis Farone responsabbli ghal dan l-incident illi gara fis-27 ta’ Marzu,1999 go Valletta Road, Paola bejn il-vetturi LAK 745 misjuqa mill-istess konvenut Luis Farone u l-vettura EAA 364 misjuqa minn Christian Camilleri u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da

parti ta' l-istess konvenut Farone. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur fl-ammont ta' mitejn tmienja u sittin lira u disgha centezmi u tikkundanna lill-konvenuta nomine li thallas lill-atturi dan l-ammont likwidat. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuta nomine.

Anthony Zammit

Dep Reg